MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 125/2007/1

**David Vella**
***v.***
**Adriana Vella**

1. F’din il-kawża kemm l-attur kif ukoll martu l-konvenuta b’rikonvenzjoni qegħdin jitolbu l-firda personali minn xulxin u l-likwidazzjoni u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom. Il-konvenuta appellat minn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel qorti illikwidat il-komunjoni tal-akkwisti waqt illi l-attur appella inċidentalment mis-sejbien dwar ħtija u dwar il-modalità tal-ħlas tal-ispejjeż tal-edukazzjoni għall-ulied.

2. Fil-parti relevanti tas-sentenza appellata, l-ewwel qorti, wara li osservat illi "llum iż-żewġ partijiet qegħdin f'relazzjoni stabbli ma' terzi persuni", iddeċidiet dwar il-ħtija billi qalet illi "hija tal-fehma li dan iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment minħabba r-relazzjonijiet *extra*-matrimonjali da parti taż-żewġ partijiet, u għalhekk jaħtu t-tnejn ugwalment għas-separazzjoni personali".

3. L-ewwel aggravju tal-attur fl-appell inċidentali tiegħu jolqot din il-parti ts-sentenza. Billi dan l-aggravju jolqot il-ħtija għall-firda, u għalhekk jista' jkollu konsegwenzi fuq il-likwidazzjoni tal-komunjoni, il-qorti sejra tqis dan l-aggravju tal-attur l-ewwel, għalkemm magħmul f'appell inċidentali.

4. Fil-waqt illi jistqarr illi huwa minnu illi llum għandu "relazzjoni stabbli" ma' persuna oħra, l-attur igħid illi din ir-relazzjoni "bdiet ferm wara" illi l-partijiet kienu nfirdu *de facto*, u għalhekk ma tistax titqies illi kienet ir-raġuni li wasslet għat-tkissir taż-żwieġ, tant illi fil-premessi għall-kontro-talbiet tagħha l-konvenuta lanqas issemmi l-adulterju bħala waħda mir-raġunijiet li wasslu għall-firda. Igħid ukoll illi l-ewwel qorti waslet għal konklużjoni żbaljata għax qagħdet fuq allegazzjonijiet tal-konvenuta li b'ebda mod ma kienu msaħħa b'xiehda oħra.

5. Fit-tweġiba tagħha l-konvenuta tgħid illi "mhux mistenni li aggravju daqstant wiesa' jiġi propost biss … f'appell inċidentali; jekk [l-attur] ma qabilx mas-sentenza allura messu interpona l-appell prinċipali hu". Tgħid ukoll illi, fil-meritu, l-ewwel qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-provi wara li għarblithom sew.

6. Il-qorti ma tqisx l-osservazzjoni tal-konvenuta dwar li l-aggravju tressaq f'appell inċidentali bħala xi eċċezzjoni kontra l-validità tal-appell tal-attur. L-art. 240 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid ċar illi appell inċidentali jista' jsir minn kull kap tas-sentenza wkoll jekk dak il-kap ma jkunx issemma fl-appell ewlieni.

7. Fil-meritu, din il-qorti taqbel mal-attur illi l-provi dwar l-adulterju tal-konvenuta huma aktar qawwija u univoċi minn dawk dwar l-adulterju tiegħu. Min-naħa l-oħra, min-natura tal-affarijiet, xiehda dwar adulterju mhux dejjem tista' tkun daqshekk konklużiva u, fl-aħħar mill-aħħar, huwa l-ġudikant illi, wara li jkun għarbel ix-xiehda, għandu jasal biex jiddeċiedi x'jemmen u x'ma jemminx, u x'piż

għandu jagħti lix-xiehda. Biex jasal għal din id-deċiżjoni, il-ġudikant tal-ewwel grad, li jkun sema' x-xhieda u ra l-imġieba tagħhom, huwa f'qagħda aħjar minn din il-qorti biex jagħmel dan l-apprezzament.

8. Għalkemm taqbel illi l-ewwel qorti setgħet ukoll leġittimament waslet għall-konklużjoni li jrid l-attur, madankollu, din il-qorti ma tara xejn ħażin jew irraġonevoli fil-konsiderazzjonijiet tal-ewwel qorti, u ma tarax li tista' tgħid illi d-deċiżjoi dwar ħtija kienet waħda żbaljata u mhux imsejsa fuq xiehda tajba u li ta' min toqgħod fuqha.

9. Barra minn hekk, għandu jingħad ukoll illi, ukoll wara l-adulterju ta' martu, l-attur kien – u għadu sallum – marbut bl-obbligu tal-fedeltà u għalhekk l-adulterju mistqarr minnu jqiegħed lilu wkoll fi ħtija.

10. Dan l-aggravju tal-attur huwa għalhekk miċħud.

11. L-aggravju tal-konvenuta fl-appell ewlieni jolqot il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, li dwarha l-ewwel qorti iddeċidiet hekk:

«Illi din tikkonsisti fil-mobbli li jinsabu elenkati fid-dok. DV1 …, liema affarijiet baqgħu fil-pussess tal-konvenuta li, min-naħa tagħha, filwaqt li matul il-kawża ma kkontestatax l-imsemmi dokument, tgħid li dawn ilhom fil-pussess tagħha għaxar snin u għalhekk "minħabba *wear and tear* l-affarijiet hemm indikati m'għadhomx kollha jeżistu, u dawk li fadal ghandhom valur minimu" u *inoltre* dawn huma ta' użu għal uliedhom.

«Illi fir-rigward, il-qorti, tenut kont li l-kontenut tal-imsemmi dokument ma kienx ġie kontestat mill-konvenuta, u tenut kont li l-affarijiet baqgħu fil-pussess taħhha u baqgħu jintużaw minnha, tikkunsidera ġust fiċ-ċirkostanzi li tassenja sehem l-attur minn dawn il-mobbli lill-konvenuta sabiex jiġu jappartjenu lilha fl-intier tagħhom, filwaqt li tordna li l-konvenuta tħallas lill-attur somma ta' erbat elef u sitt mitt euro [€4,660] bħala ekwiparazzjoni. Din is-somma tirrappreżenta l-valur totali tal-mobbli Lm5,000, nieqes l-ammont ta' Lm1000 [illum €2,329 ] stabbilit *arbitrio boni viri*, *stante* li wħud mill-oġġetti jintużaw mit-tfal. Għalhekk il-konvenuta għandha tħallas lill-attur nofs l-ammont ta' Lm4,000 [illum €9,317 ] *in linea* ta' ekwiparazzjoni, u *cioè* Lm2,000 [illum €4,659 ].»

12. Il-konvenuta fissret l-aggravju tagħha hekk:

«Illi l-ammont kif ikkwantifikat mill-ewwel qorti *arbitrio boni viri* hu manifestament eċċessiv. Illi wara t-trapass ta' sitt snin proċeduri l-iżvalutar ta' l-istess mobbli hu aktar mill-elf lira maltin li naqqset l-ewwel qorti mis-somma ta' ħamest elef lira maltin, liema somma il-qorti tat minn jeddha. Hu pależi li sakemm ma hux każ fejn hemm għamara antika, mobbli fid-dar jitilfu il-valur tagħhom *una volta* jiġu użati. *Inoltre* din l-għamara kienet ilha li nxtrat erbatax-il sena (mid-data taż-żwieġ tal-konjuġi) u allura l-ftit bċejjeċ li ġew assenjati jiswew ħafna anqas minn dak deċiż mill-ewwel qorti, u l-appellanti tazzarda tgħid li jiswew kwart tal-valur stmat mill-qorti. Illi isegwi allura illi l-ammont li l-appellanti ġiet ordnata tħallas kien eċċessiv.»

13. L-attur wieġeb illi quddiem qorti ta' reviżjoni "l-proċedura tal-appell ma għandhiex tintuża sabiex jiġu analizzati kwistjonijiet illi xi parti ma tkunx ressqet tul is-smigħ tal-provi quddiem il-qorti tal-prim'istanza, u saħansitra ma tkunx ressqet provi dwarhom". Ikompli jgħid illi, ladarba l-konvenuta kienet taf bil-valuri mogħtija lill-mobbli u għażlet illi ma tikkontestahomx, u għalhekk hu qagħad fuq dawk il-valuri bla ma ressaq provi oħra dwarhom, ma tistax issa l-konvenuta tistenna illi din il-qorti tiddisturba l-ġudizzju tal-ewwel qorti u tibdel il-konklużjoni li l-ewwel qorti waslet għaliha.

14. Li ġara hu illi waqt is-smigħ quddiem l-ewwel qorti l-attur, fis-6 ta' Frar 2008, ippreżenta elenku[1] tal-beni mobbli tal-komunjoni. Fisser illi dawn il-ħwejjeġ inxtraw bejn l-2001 u l-2002 b'sitt elef lira (Lm6,000) mislufa mill-bank, u tahom valur ta' ħamest elef lira (Lm5,000). L-ewwel qorti naqqset elf lira (Lm1,000) għax "uħud mill-oġġetti jintużaw mit-tfal" u għalhekk waslet għal valur ta' erbat elef lira (Lm4,000). Billi l-ħwejjeġ ġew assenjati lill-konvenuta, din ġiet kundannata tħallas lill-attur nofs kemm jiswew għal sehemu.

15. Ma jidhirx illi l-konvenuta ikkontestat il-valur ta' ħamest elef lira (Lm5,000) u, tassew, ma hijiex qiegħda tikkontestah issa. L-ilment tagħha ma huwiex illi l-ħwejjeġ ma kinux jiswew daqshekk iżda illi meta ngħatat is-sentenza – għaxar snin wara li nxtraw – il-valur tagħhom ma baqax daqshekk.

[1] *Fol.* 129 tal-proċess tal-ewwel qorti.

16. Dan l-aggravju huwa ġustifikat. Huwa fatt magħruf – u għalhekk ma jeħtieġx provi – illi l-ħwejjeġ mobbli malajr jitilfu l-valur tagħhom. Il-fatt illi l-konvenuta ma ikkontestatx il-valur tagħhom meta nxtraw ma jfissirx illi qiegħda taċċetta li dan il-valur baqa' l-istess wara għaxar snin. L-ewwel qorti ma qisitx dan il-fattur – it-tnaqqis li għamlet kien biss għax "uħud mill-oġġetti jintużaw mit-tfal" – u fl-2011, meta tat is-sentenza, tathom l-istess valur li tahom l-attur fl-2008. Din il-qorti hija tal-fehma illi, ukoll jekk il-valur mogħti fl-2008 jitqies realistiku – jekk, fi kliem ieħor, bejn l-2002 meta nxtraw u l-2008 meta saret l-istima l-ħwejjeġ tilfu anqas minn għoxrin fil-mija (20%) mill-valur tagħhom, u niżlu minn sitt elef lira (Lm6,000) għal ħamest elef lira (Lm5,000) – dan il-valur ċertament ma baqax realistiku fl-2011.

17. Din il-qorti għalhekk, wara li tqis kemm ir-raġuni mogħtija mill-ewwel qorti kif ukoll il-fatt illi ħwejjeġ mobbli malajr jitilfu l-valur tagħhom, tillikwida l-valur ta' dawn il-ħwejjeġ fis-somma ta' sebat elef euro (€7,000), u għalhekk il-konvenuta għandha tagħti lill-attur għal sehemu s-somma ta' tlitt elef u ħames mitt euro (€3,500).

18. L-aħħar aggravju li fadal li nqisu huwa dak tal-attur dwar il-modalità tal-ħlas tal-ispejjeż tal-edukazzjoni tat-tfal. L-ewwel qorti kienet iddeċidiet hekk:

«… … … l-attur għandu jħallas l-ispejjeż kollha tal-edukazzjoni inklużi uniformijiet, *stationery* u trasport, kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' saħħa u dawk *extra*-kurrikulari tal-minuri, u dan mhux aktar tard minn xahar mill-preżentata tad-debita riċevuta mill-konvenuta.

Dan il-manteniment jieqaf meta t-tfal ikollhom tmientax-il (18) sena, jew sakemm jagħaqlu t-tlieta u ghoxrin (23) sena jekk ikunu qed jipparteċipaw f'edukazzjoni, taħriġ jew tagħlim *full-time*. Iżda dan l-obbligu jieqaf jekk it-tfal ikunu qed jaħdmu bi qligħ regolari u adegwat.»

19. Il-qorti żiedet ukoll tgħid hekk:

«Illi finalment, rigward id-digriet tal-5 Ottubru 2010, il-qorti tosserva biss li permezz ta' dak id-digriet il-qorti kienet laqgħet fit-termini tagħha t-talba tal-attur magħmula b'rikors preżentat fl-10 Awissu 2010, u l-istess digriet għandu l-effetti legali tiegħu f'dan is-sens.»

20. It-talba magħmula bir-rikors tal-10 ta’ Awissu 2010, li ntlaqgħet “fit-termini tagħha” fil-5 ta’ Ottubru 2010, kienet tgħid hekk:

«l-esponenti jitlob illi dina l-onorabbli qorti jogħġobha tordna illi l-ħtiġijiet edukattivi tal-minuri jibdew jigu sopportati direttament mill-esponenti illi jista’ jottjeni l-lista tal-affarijiet neċessarji mingħand awtoritajiet edukattivi, sabiex b’hekk jiġi evitat l-aġir abbuživ u vessatorju tal-intimata illi qiegħda tippretendi ħlas għal spejjeż ineżistenti jew inkorsi kapriċċożament.»

21. L-attur igħid li hemm kontradizzjoni bejn dak li tgħid is-sentenza dwar l-ispejjeż tal-edukazzjoni u dak li tgħid id-deċiżjoni tal-5 ta’ Ottubru 2010, għalkemm din tal-aħħar ġiet konfermata fis-sentenza. Fisser l-aggravju tiegħu hekk:

«… ikun ferm aktar għaqli illi l-ispejjeż edukattivi tal-minuri jitħallsu interament mill-esponenti, proprju kif ordnat is-sentenza appellata, però direttament mill-esponenti, illi jkollu d-dritt illi jottjeni l-lista tal-affarijiet neċessarji mingħand l-awtoritajiet edukattivi – skond ma kien ġie ritenut fid-digriet tal-5 ta’ Ottubru 2010 u proprju sabiex jiġi evitat id-disgwid bejn il-partijiet u l-abbuż da parti tal-appellata mart l-esponenti kif ġà dettaljat fir-rikors tal-esponenti tal-10 ta’ Awissu 2010.»

22. Il-konvenuta ma weġbitx għal dan l-aggravju.

23. Din il-qorti tara li jagħmel sens illi, ladarba dawn l-ispejjeż sejjer iħallashom kollha l-attur, dawn il-ħlasijiet jagħmilhom mill-ewwel hu flok tħallas il-konvenuta li mbagħad titlob il-ħlas lura mingħand l-attur. Dan l-arranġament għandu jkun aktar konvenjenti għall-konvenuta wkoll. Il-qorti għalhekk sejra tilqa’ dan l-aggravju.

24. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi kemm mill-appell ewlieni tal-konvenuta u kemm mill-appell inċidentali tal-attur billi tirriforma s-sentenza f’dan is-sens:

i. tħassarha fejn ikkundannat lill-konvenuta tħallas lill-attur erbat elef, sitt mija u disgħa u ħamsin euro (€4,659) bħala ekwiparazzjoni għall-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti u minflok tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur bl-istess titolu s-somma ta’ tlitt elef u ħames mitt euro (€3,500);

ii. tħassarha fejn ordnat illi l-attur iħallas l-ispejjeż kollha tal-edukazzjoni fosthom uniformijiet, *stationery* u trasport, sa żmien xahar mill-preżentata tar-riċevuti relattivi mill-konvenuta, u tordna minflok illi dawn l-ispejjeż kollha jitħallsu direttament mill-konvenut fi żmien ħmistax minn meta jingħata mill-awtoritajiet kompetenti lista tal-ħwejjeġ kollha meħtieġa għal dan il-għan; u

iii. tikkonfermaha fil-bqija.

25. L-ispejjeż tal-appell għandhom jitħallsu mill-partijiet f'ishma ndaqs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------